

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-enerġija u t-tibdil fil-klima bħala parti integrali tal-Istrateġija ta’ Lisbona mġedda”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2010/C 128/07)

Relatur Ġenerali: **is-Sinjura SIRKEINEN**

Nhar is-17 ta’ Ġunju 2008, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

L-enerġija u t-tibdil fil-klima bħala parti integrali tal-istrateġija ta’ Lisbona mġedda

Il-Bureau tal-Kumitat ta’ istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali sabiex tipprepara l-ħidma tiegħu dwar is-suġġett.

Minħabba n-natura tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jaħtar is-Sinjura Sirkeinen bħala Relatur Ġenerali matul l-457 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-4 u l-5 ta’ Novembru 2009 (seduta tal-4 ta’ Novembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’164 vot favur, 6 voti kontra u 12-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. It-tibdil fil-klima u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija huma tnejn mill-ikbar sfidi ta’ dan is-seklu. L-istrutturi tal-konsum u l-produzzjoni jridu jinbidlu sabiex nimxu lejn tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra u fl-użu tal-enerġija. Xi tipi ta’ produzzjoni se jonqsu u jispiċċaw waqt li oħrajn jiżviluppaw u jikbru. Ser ikun hemm impjiegi li jintilfu u oħrajn li jinħolqu u għalhekk ser ikun hemm bżonn miżuri ta’ appoġġ. Ser jinbidlu l-ħiliet u l-għarfien. B’hekk hemm bżonn ta’ riċerka u investimenti kbar f’dan ir-rigward.

1.2. Hemm bżonn urġenti li nimxu mill-istqarrijiet politiċi għall-miżuri prattiċi iżda dan mhux ser ikun faċli. Il-mexxejja politiċi tagħna jridu jiċċaraw dawn l-isfidi u l-implikazzjonijiet tagħhom maċ-ċittadini u jippjanaw bil-galbu l-miżuri meħtieġa. Mingħajr l-appoġġ taċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili m’hu ħa jinbidel xejn. Bosta mistoqsijiet dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet ta’ politika tal-UE għadhom miftuħa u jeħtieġu iktar studju u informazzjoni mill-Kummissjoni.

1.3. Passi konkreti lejn soċjetà b’użu baxx tal-karbonju m’għandhomx jiġu posposti minħabba t-tnaqqis attwali fl-attività ekonomika, serju kemm hu serju. Il-kriżi tista’ u għandha titqies ukoll bħala opportunità għal bidu ġdid b’approċċ differenti lejn kif niksbru tkabbir. Il-KESE b’mod partikolari jenfasisza l-importanza ta’ ftehim internazzjonali f’Kopenhagen.

1.4. L-Istrateġija ta’ Lisbona mġedda trid tinkludi pjan ta’ azzjoni għal ekonomija b’użu baxx tal-karbonju. Dan l-għan irid jintlaħaq waqt li jiġu rrispettati t-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli – dak ekonomiku, dak ambjentali u dak soċjali – u mingħajr ma jintesew l-oġġettivi ġenerali tal-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi. Qafas ekonomiku kompetittiv huwa prerekwiżit biex

jintlaħqu l-għanijiet tal-klima u tal-enerġija, u politiki tal-klima u tal-enerġija jistgħu, b’approċċ adatt, jappoġġjaw il-ħolqien tat-tkabbir u tal-impjiegi.

1.5. L-oqsma ewlenin ta’ azzjoni huma l-iżvilupp teknoloġiku u l-investimenti, il-koxjenza u l-imġiba, l-aspetti soċjetali u dawk edukattivi u d-dimensjoni internazzjonali. Sabiex niksbru riżultati reali u sostenibbli ser ikollna bżonn tal-ħin u r-riżorsi.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li

— Wara li stabbilixxiet qafas leġiżlattiv komprensiv għall-enerġija u t-tibdil fil-klima, l-UE issa għandha tikkonċentra fuq l-implimentazzjoni prattika.

— Politiki favur it-tisħiħ tal-effiċjenza fl-użu u l-iffrankar tal-enerġija, investimenti fi produzzjoni suffiċjenti tal-enerġija u fit-trasport, inklużi grids intelliġenti, suq tal-enerġija intern miftuħ kif ukoll pożizzjonar b’saħħtu tal-UE fix-xena internazzjonali huma neċessarji biex tiġi żgurata provvista tal-enerġija waqt li jiġu appoġġjati l-miri tal-klima.

— Miżuri ta’ politika effettivi għandhom ikunu integrati f’linji gwida integrati, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż u l-programmi nazzjonali ta’ riforma dwar l-istrateġija ta’ Lisbona futura.

— L-UE u l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq l-iżvilupp teknoloġiku u f’ambitu ta’ kompetizzjoni internazzjonali iebes għandhom jinvestu iktar fl-R&D & I għal teknoloġiji nodfa inkluża riallokazzjoni possibbli mill-baġit Komunitarju.

— Għandhom jiġu żgurati kundizzjonijiet ta’ qafas li jiffavorixxu l-investimenti f’teknoloġiji ġodda inkluża r-riallokazzjoni potenzjali mill-baġit Komunitarju.

- Il-Kummissjoni u atturi rilevanti oħra għandhom jistabbilixxu informazzjoni korretta, lista tal-aħjar prattiki, parir konkret u miżuri ta' appoġġ rilevanti sabiex il-konsumaturi jadattaw l-imġiba tagħhom.
- L-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod speċjali t-tagħlim tul il-ħajja, għandhom ikunu disponibbli għal kulħadd sabiex jadattaw għall-bidliet fix-xejriet tal-produzzjoni u l-konsum.
- Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-effetti tal-politiki fuq il-prezzijiet tal-enerġija sabiex jiġu evitati r-riskji tal-faqar enerġetiku u li tiddgħajef il-kompetittività kif ukoll biex jiġu evitati l-effetti ħżiena tal-iskemi ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli.
- L-UE għandha tagħmel kull ma hu possibbli biex tilħaq ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima li joħloq kundizzjonijiet indaqs fuq livell globali inkluża s-sistema internazzjonali ta' skambju jew sistemi kumpatibbli.
- Is-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali għandhom inkunu involuti b'mod attiv fl-isforz enormi ta' ristrutturar tal-ekonomiji tagħna. Il-KESE huwa lest u dispot jaqdi r-rwol tiegħu.

Raġunijiet

2. Dahla: Is-sitwazzjoni attwali

Il-politika tal-enerġija

2.1. Il-politika tal-enerġija tal-UE għandha tliet objettivi paralleli: is-sigurtà tal-provvista, il-kompetittività u l-ħarsien ambjentali inkluż it-tnaqqis tal-effetti tat-tibdil fil-klima. Jekk ikun hemm bżonn, l-ewwel prijorità għandha tingħata lis-sigurtà tal-provvista. In-nuqqas ta' enerġija, inluża l-ġenerazzjoni tal-enerġija, hija riskju dejjem iktar reali, b'mod partikolari meta l-ekonomija tibda tirkupra.

2.2. L-effetti ambjentali u dawk fuq il-klima tal-produzzjoni tal-enerġija u l-użu tagħha fuq skala kbira huma fil-mira tar-regolamentazzjoni tal-UE. Limiti ġodda fis-sistema ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, li jkopru l-produzzjoni tal-enerġija, l-industriji li jagħmlu użu intensiv tal-enerġija u t-trasport bl-ajru, ġew approvati mill-UE. L-effetti prattiċi ta' dawn il-proposti għadhom mhux magħrufa minkejja l-valutazzjonijiet tal-impatt globali li saru.

2.3. L-effiċjenza fl-użu u l-iffrankar tal-enerġija fis-setturi kollha kif ukoll fil-produzzjoni tal-enerġija huma l-pilastru ċentrali u potenzjali għall-bini tas-sigurtà tal-enerġija u tnaqqis fl-emissjonijiet. L-UE stabbiliet bosta politiki sabiex dan ikun jista' jseħħ u qed jitħejjew miżuri ta' politika oħra. Madankollu fl-Istati Membri l-miżuri prattiċi għadhom ftit.

2.4. Is-sorsi u r-rotot tal-provvista tal-enerġija tal-Ewropa jridu jkunu mħallta u t-taħlita tal-enerġija trid tkun diretta lejn alternattivi b'użu baxx tal-karbonju u b'emissjonijiet baxxi, bħall-enerġija rinnovabbli u l-enerġija nukleari. L-ottimizzazzjoni u d-deċiżjonijiet dwar it-taħlita tal-enerġija huma fidejn l-Istati Membri, iżda l-politiki tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli kif ukoll il-leġiżlazzjoni ambjentali u dik dwar il-klima imexxu l-għażliet li jittieħdu.

2.5. L-Ewropa għandha bżonn tkun parteċipant iktar b'saħħitu fir-relazzjonijiet u s-swieq internazzjonali relatati mal-enerġija. Il-problemi tal-provvista tal-gass li reġġu tqajmu fil-bidu tal-2009 jistgħu fl-aħħar iwasslu għad-deċiżjoni li ilha biex tittieħed - li naħdmu flimkien.

Il-politiki dwar it-tibdil fil-klima

2.6. Il-pakkett tal-Enerġija u tal-Klima tal-2008 fih miżuri fis-setturi kollha sabiex jintlaħqu l-objettivi magħrufin ta' 20-20-20 sal-2020. L-objettiv ewlieni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jista' jiżded sa 30 % fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż u komprensiv.

2.7. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għandhom jiddaħħlu fis-seħħ mill-Istati Membri. Ħafna dettalji tal-leġiżlazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet u l-problema tar-rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju (carbon leakage) għad iridu jiġu deċiżi fil-livell tal-UE.

2.8. Għadna ma nafux kif is-sistema kollha se taħdem fil-prattika. Mistoqsijiet importanti f'dan ir-rigward huma pereżempju l-prezz tad-djossidu tal-karbonju, iż-żieda fil-prezz tal-enerġija b'riżultat tal-politiki tal-enerġija rinnovabbli u l-ispejjeż fid-djar ta' azzjoni fis-setturi non-ETS. Hemm bżonn ta' iktar studji u informazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni dwar dan.

2.9. In-negożjati dwar ftehim internazzjonali dwar il-klima ser jilhqnu l-qofol tagħhom f'Kopenhagen f'Diċembru 2009. Il-KESE ppreżernta l-fehmiet tiegħu dwar dan f'opinjoni separata. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-linji ewlenin għat-tħejija tal-laqgħa ta' Kopenhagen inkluża t-tħejija għall-qsim tal-piż bejn l-Istati Membri sabiex jappoġġjaw l-ifqar pajjiżi.

3. Kwistjonijiet li ser jiġu indirizzati fl-istrateġija ta' Lisbona mġedda dwar il-politiki tal-enerġija u tal-klima

3.1. Ekonomija b'użu baxx tal-karbonju timplika bidliet industrijali kbar. L-emissjonijiet iridu jonqsu u l-użu tal-enerġija u tar-riżorsi naturali m'għandux jibqgħu marbut mat-tkabbir ekonomiku. L-istrutturi tal-konsum u tal-produzzjoni jridu jinbidlu. Xi tipi ta' produzzjoni se jonqsu u jispiċċaw waqt li oħrajn jiżviluppaw u jikbru. Ser ikun hemm impjiegi li jintilfu u oħrajn li jinħolqu. Ser jinbidlu l-ħiliet u l-għarfien. Hemm bżonn ta' investimenti enormi kif ukoll miżuri soċjali ta' appoġġ.

3.2. Il-mexxejja politiċi tagħna jridu jiċċaraw dawn il-fatti u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-ħajja ta' kuljum maċ-ċittadini. Il-gvernijiet iridu jiċċaraw dak li hemm bżonn isir bħal pereżempju kemm ser ikollha titnaqqas l-enerġija li ġeja mill-karburanti fossili u x'ser jintuża minflokha jew kemm ser ikollu jiffiranka enerġija kull wieħed u waħda minna. Mingħajr l-appoġġ taċ-ċittadini u l-azzjonijiet tagħhom, m'hu ħa jinbidel xejn. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili huwa ċentrali.

3.3. Miżuri favur il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u sabiex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija tal-Ewropa m'għandhomx jiġu posposti minħabba t-tnaqqis attwali fl-attività ekonomika. Politiki għat-tnaqqis tal-effetti negattivi tal-kriżijiet ekonomiċi għandhom jappoġġjaw l-għanijiet ta' ekonomija b'użu baxx tal-karbonju, u viċi versa. Il-kriżi tista' u għandha titqies ukoll bħala opportunità għal bidu ġdid b'approċċ differenti ta' kif niksbu tkabbir.

3.4. Il-biċċa l-kbira tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet tal-enerġija u tal-klima għas-snin li ġejjin diġà ġew stabbiliti, bl-eċċezzjoni importanti ħafna ta' ftehim internazzjonali. Issa jrid isir ħafna xogħol fil-livell nazzjonali u għadna ma nafux kif ser jaħdem dan kollu. Għandhom jiġu evitati bidliet fl-oġġettivi jew fil-leġiżlazzjoni sabiex ikun possibbli għall-partijiet kollha li jlestu u jwettqu l-miżuri tagħhom bl-ikbar viżjoni u ċertezza possibbli. L-isforzi issa jridu jkunu favur l-implimentazzjoni Prattika.

3.5. Fl-istrateġija ta' Lisbona m'għadha għandu jiġi inkorporat pjan ta' azzjoni għal ekonomija b'użu baxx tal-karbonju. Dan l-għan irid jintlaħaq waqt li jiġu rrispettati t-tliet pilastru tal-iżvilupp sostenibbli – dak ekonomiku, dak ambjentali u dak soċjali – u mingħajr ma jintesew l-oġġettivi, tal-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi.

3.6. Miżuri xierqa, ippjanati b'attenzjoni u evalwati għar-riżultati l-iktar kosteffettivi u reali, għandhom jiġu integrati fil-politiki strutturali li ser jiġu koperti mil-linji gwida integrati, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż u l-pjanijiet nazzjonali ta' riforma. Il-Kummissjoni għandha tinforza l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni. Barra mill-PGD, indikaturi oħrajn jridu jintużaw biex jiġi traċċat l-iżvilupp lejn is-sostenibilità.

3.7. Il-bidla titmexxa mill-iżvilupp teknoloġiku minn naħa, u bidla fl-attitudni u l-imġiba min-naħa l-oħra. It-tnejn jieħdu ż-żmien biex ikollhom riżultati reali u deġġiema. Kwistjonijiet importanti oħra huma l-investimenti, l-aspetti soċjali u edukattivi u d-dimensjoni internazzjonali.

It-teknoloġija

3.8. Il-kompetizzjoni teknoloġika globali hija kbira. L-Istati Uniti allokat riżorsi sinifikanti għar-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jnaqqsu l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. L-istess jista' jingħad li qed isir l-ekonomiji żviluppanti oħrajn, u iktar u iktar l-ekonomiji mdaqqsu li qed jikbru b'rata mgħaġġla.

3.9. L-Ewropa għandha tkun kapaċi tilħaq il-potenzjal tagħha bħala mexxej ewlieni fil-qasam tat-teknoloġiji "nodfa" għall-enerġija rinovabbli u t-tibdil fil-klima. Dan huwa oġġettiv urġenti u diffiċli ħafna, peress li, pereżempju, il-Ġappun hija fuq quddiem fil-karozzi ibridi u tal-elettriku, u ċ-Ċina dalwaqt se tgħaddi l-UE fit-teknoloġiji tar-riħ u l-Istati Uniti f'dawk fotovoltajiċi. Prezz fuq id-dijossidu tal-karbonju waħdu ma jistax joffri inċentiv biżżejjed għal bidla teknoloġika.

3.10. Il-Kummissjoni ppreżentat bosta inizjattivi li jsaħħu t-teknoloġiji nodfa/rinovabbli u tal-klima. Hemm bżonn li jiġu allokati aktar riżorsi għal dan mill-baġit tal-UE.

3.11. L-iktar teknoloġiji effiċjenti jgħorġu biss mid-diversità u minn kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-approċċi, l-innovazzjonijiet u l-metodi varji. Dan ifisser li l-ebda teknoloġija utli, bħall-enerġija mill-fissjoni u l-fużjoni tar-raba' ġenerazzjoni, m'għandha tiġi abbandunata qabel il-waqt iżda dawn it-teknoloġiji għandhom ikunu żviluppanti b'mod rigoruż.

3.12. Il-potenzjal vast tal-iżvilupp u t-tħaddim ta' teknoloġiji tal-ICT għandu jiġi sfruttat.

3.13. Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli li għandhom wisq 'il bogħod milli jsiru vijabbli ekonomikament m'għandhomx jiddaħħlu fis-suq b'mod prematur bis-saħħa ta' sussidji li jgħumu wisq flus (jew prezzijiet artifiċjali). Minflok, dawn il-flus għandhom jiġu investiti fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji li huma sostenibbli u li jevitaw l-użu tas- CO₂ sakemm dawn isiru vijabbli.

3.14. Is-sehem tal-UE fl-iffinanzjar tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni huwa żgħir meta mqabbel mar-riżorsi tal-Istati Membri. Bħalissa il-livell tal-isforzi tal-Istati Membri jvarja ħafna. Huwa kruċjali li jiżdiedu r-riżorsi, inkluż mid-dħul tal-irkanti tal-ETS, għar-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa b'mod partikolari, u li l-massa kritika u l-eċċellenza fil-livell dinji jintlaħqu permezz ta' kooperazzjoni effiċjenti. Dawn il-miżuri għandhom ikunu inkorporati b'mod tanġibbli fil-linji gwida u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-istrateġija ta' Lisbona m'għadha.

Investimenti

3.15. It-teknoloġiji ġodda u l-innovazzjonijiet jistgħu jintużaw biss permezz tal-investimenti, li jsiru fid-djar, fil-kumpaniji u fis-settur pubbliku. L-investimenti huma neċessarji għall-iżvilupp ekonomiku u l-impjiegi kif ukoll sabiex jintlaħqu l-oġġettivi għall-klima u l-enerġija.

3.16. Il-bżonnijiet ta' investment fil-produzzjoni tal-enerġija u fl-infrastruttura tat-trasport huma neċessarji u urġenti. Pereżempju, anke jekk id-domanda ma tiżdiedx, fi żmien għaxar snin hemm bżonn ta' madwar EUR 1 000 biljun sabiex tinbidel il-kapaċità attwali. Netwerks tat-trasport, b'mod partikolari dawk transkonfinali u li jgħaddu l-elettriku rinnovabbli man-netwerks globali jeħtieġu tiġdid sostanzjali. Il-fatt li matul ir-riċessjoni waqfu l-investimenti u l-effetti potenzjali ta' dan fuq perijodu fit-tul iqajmu tħassib serju.

3.17. L-investimenti jeżiġu ċerti kundizzjonijiet ta' qafas. Dawn jinkludu qafas ekonomiku b'saħħtu, domanda fis-suq u l-aċċess għas-swieq. Il-qafas regolatorju għandu jkun stabbli u prevedibbli u jevita piżijiet amministrattivi u finanzjarji fuq il-kumpaniji. Huma biss kumpaniji li jirrendu li jistgħu jinvestu fl-iżvilupp tat-teknoloġija u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

3.18. Konsegwentement, qafas ekonomiku kompetittiv huwa prerekwiżit sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-klima u tal-enerġija. U b'approċċ politiku tajjeb, il-politiki tal-klima u l-enerġija jistgħu jgħallu t-tkabbir u l-impjiegi.

3.19. Ser jaqa' piż fuq ir-riżorsi finanzjarji meta l-bżonnijiet ta' investiment u ta' riċerka u l-iżvilupp fl-UE jibdeu jikkompetu mal-bżonn li jiġu ffinanzjati l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-Istati Membri ser ikollhom dħul mill-irkant tal-kwoti tal-emissjonijiet iżda dan ma jstax ikopri l-bżonnijiet rilevanti kollha. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet iridu joqogħdu attenti kif iżidu l-piż fuq l-intrapriżi u jittgħu f'riskju l-investimenti tagħhom fit-teknoloġiji l-ġodda.

Il-koxjenza u l-imġiba

3.20. Sabiex jaġixxu u jbiddu l-imġiba tagħhom, in-nies iridu jkun konxji tas-sitwazzjoni u ta' x'għandu jnibdel. Il-koxjenza dwar x'jistgħu jagħmlu n-nies huma nfushom għandha tissaħħaħ u għandha tingħata l-edukazzjoni rilevanti. Dan huwa d-dmir kemm tal-gvernijiet kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Strument tajjeb ikun lista ta' Prattiki tajba mressqa mill-Kummissjoni.

3.21. Filwaqt li huwa pożittiv li l-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma msemmija fuq quddiem nett fil-marketing u l-pariri li jingħataw lill-konsumaturi, għandu jiġi kkundannat il-fatt li xi drabi tingħata informazzjoni li tingħanna. Dan għandu jitwaqqaf mill-atturi rilevanti.

3.22. Bir-raġun l-UE tistrieħ ħafna fuq l-istrumenti tas-suq fil-politiki tal-klima tagħha. Il-prezzijiet jistgħu jagħtu sinjal ta' bidla fl-imġiba kemm taċ-ċittadini kif ukoll tan-negozji. Madankollu, dan waħdu ma jilħaqx il-potenzjal sħiħ tal-bidliet. Fxi każijiet, bħal fis-settur tal-bini, ir-regolamentazzjoni hija meħtieġa, u għal finijiet oħrajn appoġġ pożittiv huwa meħtieġ.

3.23. Effiċjenza aħjar fl-użu tal-enerġija, is-soltu twassal għall-iffrankar tal-flus. Huma meħtieġa l-inċentivi b'mod partikolari f'dawk il-każijiet fejn il-perijodi ta' ħlas lura huma relattivament twal, jew meta l-persuna li għandha tħallas ma tibbenefikax. Ftit ilu l-Kumitat ippropona lill-Kummissjoni li tistudja l-fattibilità tal-miri settorjali għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, b'mod speċjali fis-setturi fejn hemm implikazzjonijiet għas-suq intern.

3.24. Sabiex jiġi evitat li l-kompetizzjoni fis-suq intern tixxekkel, l-UE tapplika regoli komuni obbligatorji fuq l-appoġġ pubbliku.

Aspetti soċjali u edukattivi

3.25. Ix-xejriet tal-kompetizzjoni ser jinbidlu biż-żmien u konsegwentement ser tinbidel anki l-produzzjoni. Skont studju tal-ETUC u l-SDA ⁽¹⁾, l-effett nett fuq l-impjiegi ta' miżuri favur it-tnaqqis b'40 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2030 huwa kemm kemm pożittiv; dan ir-riżultat u approċċ madankollu huwa meqjus minn oħrajn bħala ottimist wisq ⁽²⁾. L-istudju jikkonkludi li madankollu ser ikun hemm bidliet konsiderevoli fl-istrutturi tal-impjiegi u fl-eżiġenzi tal-ħiliet. Il-bidliet ser ikunu ikbar fi ħdan is-setturi nfushom milli bejniethom. Pereżempju, trasferiment ta' impjiegi huwa mistenni mill-ġenerazzjoni tal-enerġija għall-attivitatiet relatati mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija jew minn impjiegi relatati mat-trasport bit-triq għall-ferroviji u l-passaġġi tal-ilma.

3.26. Hemm domanda kbira għall-edukazzjoni u t-taħriġ biex il-kumpaniji, is-servizzi tas-settur pubbliku u l-forza tax-xogħol ikunu jistgħu jlaħħqu mal-bidliet. L-edukazzjoni u t-taħriġ inklud it-tagħlim tul il-ħajja, kienu s-suġġetti ewlenin ta' opinjoni preċedenti tal-KESE dwar it-tibdil fil-klima u l-istrateġija ta' Lisbona.

3.27. Reċentement, il-Kummissjoni ressqet proposti għat-tisħiħ tat-tbassir tal-ħiliet meħtieġa. Dan huwa essenzjali biex ikunu possibbli reazzjonijiet f'waqthom permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Tbassir aħjar, qbil imtejjeb bejn il-provvista u d-domanda għal ħiliet u miżuri msaħħa favur it-tagħlim tul il-ħajja huma partijiet naturali tal-istrateġija ta' Lisbona mġedda.

3.28. Billi kważi kulħadd fis-suq tax-xogħol ser jintlaqat mill-bidliet, l-edukazzjoni għandha tkun disponibbli għal kulħadd sabiex kulħadd ikun jista' jadatta għall-bidliet fir-rekwiżiti. Għal dawk li għadhom jiffaċċjaw problemi, l-Istati Membri għandhom iżommu netwerks komprensivi tas-sigurtà soċjali.

3.29. In-nies huma affettwati wkoll mill-bidliet fl-istrutturi tal-prezzijiet li ġejjin mill-politiki tal-enerġija u tal-klima. Huwa meħtieġ monitoraġġ partikularment mill-qrib tal-effetti li jiġu minn bidliet fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-prezzijiet tal-enerġija jinbidlu ħafna minħabba raġunijiet differenti, u wieħed mill-oġġettivi tal-politiki tal-enerġija tal-UE huwa li dawn il-bidliet jitwaqqfu kemm jista' jkun.

(1) L-istudju fuq it-tibdil fil-klima u l-impjiegi, li ġie kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea, id-DG Ambjent, sar minn konsortjum immexxi mill-ETUC (Konfederazzjoni tat-Trade Unions Ewropej) u l-Aġenzija għall-Iżvilupp Soċjali (SDA), li tinkludi s-Syndex, l-Istitut Wuppertal u l-ISTAS. L-istudju huwa disponibbli fuq <http://www.etuc.org/a/3676>.

(2) Hans Werner Sinn, "Das Grüne Paradoxon", Econ-Verlag, ISBN 978-3-430-20062-2.

3.30. Politiki ambjentali u b'mod partikolari tal-klima jżidu l-prezzijiet tal-enerġija bil-għan li jitnaqqas l-użu tal-enerġija. Il-lat negattiv ta' dan l-approċċ fil-politika huwa li jnaqqas il-kompetittività tal-industrija Ewropea u joħloq ir-riskju tal-faqar enerġetiku fost iċ-ċittadini. Ir-reazzjoni tat-tnaqqis fl-użu tal-enerġija meta l-prezzijiet jogħlew is-soltu jeżiġi investimenti f'taġħmir ġdid, u dan jista' jieħu ż-żmien. Approċċ ibbilanċjat ħafna għall-prezzijiet tal-enerġija, fejn jitqiesu dawn il-perijodi, huwa meħtieġ sabiex jinkisbu riżultati tajbin u sostenibbli minflok ma jinħolqu problemi ekonomiċi u soċjali.

Id-dimensjoni internazzjonali

3.31. Miżuri biex jitnaqqas l-effett tat-tibdil fil-klima fl-Ewropa biss ikollhom impatt żgħir għax l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Ewropa jirrappreżentaw 14 % tal-emissjonijiet globali, u s-sehem qed jonqos. Jekk ma jittieħdux azzjonijiet mill-ekonomiji l-kbar kollha, l-emissjonijiet mhux ser jitnaqqsu b'konformità mal-limitu tat-tisħin ta' 2 °C, u l-Ewropa ser titlef il-kompetittività tagħha u b'hekk tipperikola l-benesseri taċ-ċittadini tagħha. Għaldaqstant, hija ta' importanza kruċjali li jintlaħaq ftehim f'Kopenhagen u l-UE għandha tkompli taqdi rwol mexxej fil-qasam.

3.32. L-objettiv ta' Kopenhagen għandu jkun, kif il-Kummissjoni stess tistqarr, "ftehim internazzjonali komprensiv

u ambizzjuż biżżejjed li jipprovdi għal tnaqqis simili minn pajjiżi żviluppati oħrajn, u għal azzjonijiet xierqa mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw." Element importanti huwa sistema ta' skambju internazzjonali jew għall-anqas sistemi kompatibbli sabiex niżguraw kemm tnaqqis effettiv fl-emissjonijiet kif ukoll kundizzjonijiet ugwali fejn tidħol kompetizzjoni.

3.33. Huwa evidenti li l-pajjiżi l-fqar li qegħdin jiżviluppaw ser jeħtieġu għajna ekonomika biex ilaħħqu kemm mat-tnaqqis tal-effetti tal-bidla tal-klima kif ukoll mal-adattament għal dik il-bidla. L-iżvilupp tat-trasferiment tat-teknoloġija u regoli ċari dwar dan, inkluż il-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u l-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif huma elementi importanti.

3.34. Il-ftehim internazzjonali huwa neċessarju wkoll għall-Ewropa biex tkun minn ta' quddiem fil-qasam ta' teknoloġiji aħjar tal-klima u tal-enerġija. Jekk dan ma jsirx id-domanda għal dawn it-teknoloġiji ser tkun ħafna inqas.

3.35. L-UE trid issaħħaħ il-pożizzjoni u l-attività tagħha fil-livell internazzjonali sabiex tiżgura l-provvista tal-enerġija tal-Ewropa. Kuntest usa' ta' politika barranija, kif inhi maħsuba mill-UE, għandu jservi ta' sostenn kbir. Kif stqarr il-KESE f'opinjonijiet preċedenti, l-UE trid ukoll tieħu pożizzjoni mexxejja fl-approċċ globali responsabbli u sostenibbli għall-enerġija.

Brussell, 4 ta' Novembru 2009.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI